# Il-Ħadd 04.02.2018

1. Illum 04/02, **Jum il-Ħajja**:
   - Fl-10:00am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija.
   - Il-Moviment favur il-Ħajja fil-Ġuf se jorganizza Manifestazzjoni Nazzjonali fil-Belt Valletta li tagħlaq b'quddiesa fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-11:00am. Kulħadd mistieden.

2. Il-Ħamis 08/02:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru s-Santwarju ta' San Pawl tal-Ħġejjeġ, f'San Pawl il-Baħar, fejn ikollna Quddiesa, u wara *buffet breakfast* f'lukanda l-Qawra. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers tas-soltu.

3. Is-Sibt 10/02, **Solennità tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta**:
   - Il-ħinijiet tal-quddies ikunu bħal tal-Ħadd: 6:45am, 8:15am, u 10:00am. Biss filgħaxija tkun fis-6:30pm bħas-soltu.
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja parrokkjali ta' Marija Assunta, Ħat-Attard.

4. Avviżi oħra:
   - Jekk hawn xi wħud li jixtiequ u jistgħu jgħinnu fl-animazzjoni, fix-xandir tal-kelma bħala letturi, u fl-aspett mużikali u l-kant liturġiku, b'mod partikulari fil-quddies tas-Sibt u l-Ħadd, mitluba javviċinaw lill-Kappillan (lili) biex ikunu jistgħu jifthiemu dwar il-possibiltà, u anke biex issir il-preparazzjoni meħtieġa.
   - Il-Każin Banda San Pawl jixtieq jgħarrafkom li l-ġbir li sar f'Jannar b'risq il-festa esterna ta' San Pawl kien ta' € 3,511, u nġabru wkoll € 640 b'risq il-planċier. Il-Każin jirringrazzja lil kull min ta sehmu u japprezza jekk ħadd ma joqgħod lura.
   - Wasal il-magazin *'Flimkien'* ta' Frar. Min is-soltu jqassmu mitlub jiġbru mis-sagristija sabiex jitqassam kemm jista' jkun malajr. Nirringrazzjawhom ta' dan is-servizz li jagħtu.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 75 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti tar-restawr. Grazzi mill-qalb.